MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 28/K7/2015 |
| Data: | It-Tlieta 10 ta' Marzu 2015 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 5.30 p.m. |

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Viċi Sindku | Dr Alex Sciberras |
| | Kunsilliera | Is-Sur Emanuel Brincat |
| | | Sna Romina Galea |
| | | Sur Charles Selvaggi |
| | | Sur Maurice Agius |
| | KAS | Owen Attard, Membru |
| | | Manuel Galea, Membru |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Sna Marita Portelli |
| | Skużat | Sur Lino Bartolo, Kunsillier |
| | | Sur Alan Abela Wadge |
| | | Is-Sur Matthew Agius |
| | | Is-Sur Matthew Mangion, KAS |
| | | Mark Aquilina, Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

## AĠENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 27/K7/2015
2. Materji mill-Minuti

3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni tal-pagamenti tal-Kontijiet
5. Kumitat Amministrattiv tas-Swatar
6. Kommunikazzjoni minn Laqgħat li saru
7. Affarijiet oħra jekk urġenti
8. Aġġornament

**Seduta Numru 28/14**

1393 Is-Sindku fetħet il-laqgħa b'talba lis-San Ġużepp.

1394 Ġie deċiż li jiġu sospiżi l-ewwel żewġ punti fuq l-aġenda u li dawn isiru fil-laqgħa li jmiss. Is-Sur Maurices Agius saqsa dwar il-bdil tad-data tal-laqgħa, minħabba li fil-laqgħa li għaddiet sar qbil li l-laqgħa kellha ssir fis-17 ta' Marzu. Intqal li kien hemm tlett kunsilliera li ma setgħux jattendu f'din id-data. Is-Sur Selvaggi qal li jekk sar qbil fuq id-data għandha tibqa dik miftehma. Intqal li l-laqgħa li jmiss issir fl-24 ta' Marzu, imma s-Segretarju għandha tikkonferma.

1395 Il-Viċi Sindku talab li qabel titkompla l-Aġenda jiġu diskussi l-punti ta' l-affarjijiet urġenti. Il-Kunsill qabel. Is-Sindku qalet li llum ser jattendu l-laqgħa rappreżentanti tal-Kumitat tas-Sajd.

1 Affarijiet Oħra jekk Urġenti

1396 Is-Sindku qalet li fi Triq l-Imħallef Debono, in-naħa tal-Pizza by Luca, daħlu diversi ilmenti fuq l-istat tal-bankina u hemm bżonn li ssir. Is-Sur Maurice Agius qal li fiż-żona ser issir xi skola tal-Mediċina taċ-Ciniżi u li quddiem din l-iskola qed issir il-bankina wkoll. Intqal li l-Kunsill ser jagħmel il-bankina u s-Sur Selvaggi ġibed l-attenzjoni li jsiru r-rampi kif suppost. Saret diskussjoni fuq il-garanziji tal-bankina li kienu jinżammu mill-MEPA. Il-Viċi Sindku qal li mingħalih li fil-passat kien jitkejjel il-faċċata ta' fejn qed isir ix-xogħol u tinżam garanzija lil kuntrattur ibbażata fuq l-ispiża biex terġa ssir il-bankina. Is-Segretarju għandha tiċċekja fuq din il-proċedura.

1397 Il-Viċi Sindku qal li hemm bżonn issir mera biex min hu ħiereġ minn Antonio Bosio għal ġo Rue D'Argens ikun jista jara l-karozzi. Intqal li hemm diġa mera imma għandha bżonn titranġa l-pożizzjoni tagħha, minħabba xogħolijiet li qed isiru fiż-żona, biex is-sewwieqa jkunu jistgħu jaraw it-traffiku ta' Rue D'Argens.

**1398** **Il-Viċi Sindku ħareġ mill-laqgħa (18:29).**

**1399** **Il-laqgħa ġiet sospiża (18:30).**

**1400** **Il-laqgħa kompliet (18:51).**

## 2 Korrispondenza

**1401** **Il-Kunsill irċieva korrespondenza minn Mario Debattista fejn talab Loading/Unloading Bay fi Triq ix-Xatt ta' L-Imsida ħdejn l-istabiliment tiegħu. Il-Kunsill qabel li tingħata 'no objection' imma intqal li l-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni fuq il-Loading/Unloading Bay li saret fiż-żona li għandha tersaq biex issir waħda 'communal'.**

**1402** **41/0295: Il-Kunsill irċieva talba mis-Sur Matthew Mangion dwar kumpens għall-ħsara li saret lir-rota tal-vettura tiegħu minħabba toqba fi Triq Arturo Bonniċi. Il-Kunsill approva li jingħata l-kumpens mitlub. Intqal li din it-toqba ġiet msewwija, avolja kien hemm problemi bit-temp u anke kien hemm ħsara fil-compactor.**

**1403** **41/0267: Is-Sur Maurice Agius saqsa fuq korrespondenza li rċieva l-Kunsill mingħand il-Green MT. Is-Segretarju nformatu li din kienet talba dwar il-kuntratt eżistenti li għandu l-Kunsill mal-kollettur ta' skart riċiklat u meta jiskadi. Intqal li din l-informazzjoni, minħabba li hija pubblika, tista' tingħata.**

**1404** **41/0302: Il-Kunsill irċieva kont mill-Kumitat Festi Esterni, pero ntqal li l-ammont ta' l-invoice huwa żero u għalhekk trid tinbidel. L-ammont ta' ħlas mitlub kien għall-armar ta' l-arbli fi żmien tal-Milied. Intqal li x-xogħol tal-bnadar f'Jum L-Imsida isir minn voluntiera u li din l-għaqda qatt ma talbet flus lill-Kunsill, pero għandhom jitħallsu tas-servizz li jagħtu. Sar qbil li l-Kunsill iħallas ammont ta' €200 fis-sena biex jintremew l-bnadar fiż-żmien ta' Jum l-Imsida.**

**1405** **41/0257: Is-Sur Selvaggi gibed l-attenzjoni fuq ħsara li hemm fil-bandli tas-Swatar u anke fl-Imsida. Is-Segretarju ser tiċċekja biex issir it-tiswija.**

**1406** **41/0310: Is-Sur Selvaggi ikkumenta fuq iż-żieda ta' Graffiti f'ċertu żoni u talab biex issir aktar sorveljanza fiż-żona tal-Qroqq. Qal li qed isir xi 'dumping' fi Triq il-Ħriereb u li għandha terġa teħel it-tabella biex tinforma lin-nies li ma jkunx jista jintrema skart fiż-żona.**

**1407** **41/0275: Is-Segretarju nformat lill-Kunsill li Gafa Saveway Ltd bagħtu korrespondenza dwar rati ġodda tagħhom u li hi wieġbet fejn infurmathom li l-kuntratt kien skada u li ma tafx għalfejn din l-informazzjoni qed tintbgħat lill-Kunsill. Ma rċiviet l-ebda tweġiba.**

**1408** **41/0284: Din l-ittra hija kopja ta' ilment lit-TM dwar il-flyover li saret Valletta Only. Is-Sur Maurice Agius qal li għandhom jitneħħew l-aħħar żewġ bollards biex, meta tkun ix-xita, l-karozzi jduru komdi għal ġo Triq D'Argens.**

**3** **Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet**

**1409** **Is-Sur Brincat qal li għandha titneħħa l-linja tal-Fax. Il-Kunsill qabel. Is-Segretarju ser tiċċekja n-numru 79342525 ta' xiex kien.**

**1410** **Is-Sur Selvaggi saqsa fuq l-ispiża ta' l-imejl tal-Kunsilliera u qal li hu qatt ma rnexxilu jużaħ u li jekk jstgħu jitneħħew il-Kunsill jiffranka dawn il-flus.**

**1411** **Il-pagamenti ġew approvati.**

**4** **Kumitat Amministrattiv Swatar**

**1412** **Iċ-Chairperson ma setgħax ikun preżenti għal din il-laqgħa. Il-membri tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar li kienu preżenti qalu li ma kien hemm xejn li xtaqu jressqu għad-diskussjoni huma.**

**5** **Informazzjoni minn laqgħat li saru**

**1413** **LAQGĦA MA' TM: Is-Sindku qalet li saret laqgħa mal-Perit Testaferrata Denoto, il-Perit Conti minn TM fuq il-proġett ta' L-Imsida. Intqal li daru l-proġett kollu fl-imsida u l-Pieta. Il-Kunsill ġie nformat li l-bankina ta' quddiem l-għassa ser tibqa kif inhi. Is-Sur Selvaggi wera d-dispjaċir tiegħu fuq dan. Il-Kunsill qabel li TM jiġu mitluba jispjegaw għalfejn saret hekk, minħabba li jista jkun hemm xi raġunijiet li l-Kunsill mhux informat dwarhom. Intqal li qed jiġi kkonsidrat li jiċċaqalqu l-Pelican Lights ta' Rue D'Argens u li minħabba l-ilma li jinżel minn Triq Qrejten ser isiru xi toqob fil-bankini biex l-ilma jibqa nieżel fil-baħar. Intqal li l-Pelican Crossings qed jaħdmu imma li hemm xi problemi bl-ilma, u li għadu qed jiħl**

**diskuss kif ser issir l-passaġġ mill-Pelican Lights ta' quddiem l-AVIS għal ġol-Playing Field. Is-Sur Selvaggi kkummenta fuq il-Pelican Lights ta' quddiem il-Marina Home u qal li dawn ma jinbidlux it-tnejn f'daqqa imma li trid terġa tgħafas il-buttuna fin-nofs biex taqsam. Is-Sindku qalet li dawn l-ilmenti kollha ġew diskussi mat-TM u li hi tkun tista tagħti risposta meta tingħata tweġiba.**

**1414 KUMITAT TA' L-OFFERTI PUBBLIĊI: Il-Kunsill approva t-Tender tat-tiżjin tal-Milied u tax-xogħolijiet tal-Patching u Bankini. Intqal li issa bir-rati l-ġodda tkun tista ssir stima ta' l-ispejjeż tal-bankini li għandhom bżonn isiru. Intqal li għandha ssir laqgħa biex jiġu diskussi l-bankini li għandhom bżonn isiru. Dwar it-toroq intqal li din trid tkun Tender separata u li kienu diġa ġew diskussi u magħżulin it-Toroq l-aktar li għandhom bżonn isiru. Intqal li l-Kunsill qed jistenna kwotazzjoni mill-Perit dwar l-istimi ta' l-ispejjeż involuti. Fir-rigward tat-tender ta' l-avukat u tad-dwal tal-ġnien ser jintalab aktar informazzjoni. Intqal li l-Kumitat ma kellux ċans jara tal-Public Convenience.**

**1415 KUMITAT TAS-SAJJIEDA: Il-Kumitat tas-Sajjieda qed jitolbu li jkollhom servizz ta' dawl u ilma max-Xatt. Ġew ippreżentati xi magni li jirregolaw l-użu ta' dawl u ilma permezz ta' 'cards' u ntqal li Sistema bħal din tkun tista madwar €5,400-€5,700. Ġie spjegat li jkun hemm erba 'outlets' tad-dawl u ilma u s-sajjieda jkunu jistgħu jitfgħu l-flus fuq tip ta' 'card' (b'sistema ta' 'top up') biex ikunu jistgħu jużaw dawl u ilma skont kemm ikunu diġa ħallsu. Intqal li l-Kunsill ikun lest li jgħin fil-proċeduri Amministrattivi (li jiċċarġja l-cards mill-uffiċċju tal-Kunsill) pero' intqal li ma jkunx jista joħroġ il-flus għax-xiri tal-makkinarju. Intqal ukoll li għandha tintalab depożitu biex tingħata 'card' ħalli dak li jkun jibża għaliha. Is-Sur Selvaggi saqsa jekk ikunx hemm xi insurance, u talab li jkun hemm xi tip ta' agreement fuq kif se taħdem din is-sistema. Intqal li l-Kumitat għandu jitlob l-għajnuna tal-Ministru responsabbli mis-Sajd biex forsi jkun hemm xi għajnuna mill-Ministeru.**

**1416 Intqal li l-Kunsill għadu qed jistenna risposta biex issir laqgħa mal-Pulizija.**

**5 Affarijiet Oħra jekk Urġenti**

**1417 Is-Sur Brincat qal li fi propjeta' fi Triq ix-Xatt tax-Xbiex, fejn hemm tabella ta' Fitness Centre, qed issir kaxxa safra quddiem il-bieb biex ma jsirx parkeġġ. Hu qal li dan mhux garaxx. Sar qbil li tintuża l-proċedura biex jiġi stability hux garaxx jew le billi s-Sur Demarco jmur fuq il-post mal-Pulizija.**

**6** **Aġġornament**

**1418** **Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-19:38.**

**Approvati llum ____________________**

**Margaret Baldacchino Cefai**
**Sindku**

**Marita Portelli**
**Segretarju Eżekuttiv**